MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1493/2003

**Avviz Numru 1493/03 AJD**
**Dormax Press Company Limited**

**vs**

**John Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Lulju, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm490.50) rappresentanti prezz ta' xoghlijiet ta' stampar u xoghol iehor relatat.. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 17 ta' Lulju 2003 u bl-imghax mid-data tal-hrug tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Michael Micallef in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ erba’ mija u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm490.50), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------